MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2008

Avviz Numru. 698/2002

**Publius Pisani**

**Vs**

**Dr Raymond Borg u b'digriet tat-28 ta' April 2003 giet kjamata in kawza Rita Borg**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jkun ikkundannat li jhallas lill-istess attur s-somma ta' elf sitt mija u tnejn u hamsin liri Maltin (Lm1652) dovuti lilu ghal xogholijiet ta' kostruzzjoni u servizzi ohra relatati mal-kostruzzjoni maghmula minn l-attur fuq inkarigu tal-konvenut f'fond propjeta tieghu fl-Ghadira (l/o Mellieha) Malta.

Bl-imghaxijiet mid-data tas-servizz sad-data tal-hlas effettiv. Bl-ispejjes kollha nkluza Vat u dawk l-ispejjes ta' l-ittra ufficjali ta' April 2002 kif ukoll ta' l-ittri interpellatorji

tas-26 ta’ Marzu 2002, 26 ta’April 2001, 12 ta’ Marzu 2001. Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonjiet tal-istess konvenut (fol 9 tal-atti) u li biha eccepixxa illi preliminarjament il-gudizzju mhuwiex integru stante illi l-konvenut huwa mizzewwg.

Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, it-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti u l-ammont mitlub mill-attur huwa eccessiv, kif ser jigi ampjament pruvat waqt il-mori tal-kawza.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet Taghha moghti fit-28 ta’ April 2003 (fol 13 ibid) u li bih giet kjamata fil-kawza mart il-konvenut Rita u dan in konnessjoni mal-ewwel (1) eccezzjoni sottomessa.

Rat id-digriet Taghha moghti fl-20 ta’Jannar 2005 (fol 46 ibid) u li bih, fuq talba tal-konvenut, kien gie nominat bhala espert tekniku l-Perit Godwin Abela u dan a spejjes, provvisorjament tal-konvenut u sabiex jara jekk il-kont ppresentat mill-attur hux esagerat jew le.

Rat ir-rapport tal-istess espert a fol 53 et seq ibid.

Rat dak verbalizzat a fol 76 tal-atti.

Ikkunsidrat

Illi l-attur spjega (fol 16 u fol 69 et seq ibid) illi kien gie inkarigat mill-konvenut sabiex jesegwixxi, xogholijiet f’post appartenenti lil dan f’Triq Marfa, Mellieha u skond kif deskritti fl-istess xhieda u fid-dokumenti esebiti minnu a fol 20 sa fol 22 ibid. In konnessjoni mal-istess xogholijiet, il-konvenut kin jaghmel il-hlasijiet akkont waqt li kienu qedin jigu esegwiti. Pero kien fadal bilanc dovut ammontanti ghal Lm1652, kif mitlub fl-istess avviz. Gara li l-konvenut meta gie moghti l-kont finali kien allega li x-xoghlijiet ma sarux skond l-arti w is-sengha jew li “… ma kienx dovut il-kont ‘in parte”. Ghalhekk kien gie inkarigat mit-tnejn il-

Perit Claude Borg, li hu mparentat mal-konvenut u li kien jaghti struzzjonijiet lil-attur waqt l-esekuzzjoni tax-xogholijiet u meta "… tkellimna mal-perit jiena hadt l-impressjoni illi skond il-perit ma tantx kien hemm differenza kbira minghajr ma sar xi forma ta' ftehim finali".

Illi l-imsemmi Perit Claude Borg (fol 33 et seq ibid) ikkonferma illi l-attur waqt li kien qed jesegwixxi x-xogholijiet kien ghamilhom "… skond kif ghidtlu jiena" b'referenza ghal dawk li saru taht is-supervisjoni tax-xhud, fuq inkarigu tal-konvenut. In rigward l-istess xoghol li kien di gja sar meta ghad ma kellix inkarigu da parti tal-konvenut, hu irrefera ghalih bhala li sar b'mod tajjeb. Dwar il-kont sottomess mill-attur, hu sostna illi, "… kien hemm xi affarijiet li b'mod zghir kienu jidhru eccessivi …." u " Dwar il-valur iz-zghir fil-fatt wasalna bi ftehim jienu u l-attur u konna rrangajna xi haga" u b'referenza ghal kont a fol 20 sa fol 22 ibid, hu qal "Jista jkun li filfatt dan il-kont huwa l-versjoni gja mnaqqsa wara li ddiskutenja jien u l-konvenut (jew l-attur) dawk l-eccessi minimi li semmejt".

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut (fol 39 et seq ibid) spjega illi "Il-kontestazzjoni tirreferi ghal-ewwel parti cioe l-kont tal-kostruzzjoni" minhabba li fil-fehma tieghu l-kont relattiv ghal dan ix-xoghol kien eccessiv cjoe kellu jkun hames mitt liri Maltin (Lm500) inqas. Ghalhekk, fil-fehma tieghu l-ammont dovut kellu jkiun ta' Lm800. Din l-offerta giet rifjutata mill-attur izda ma kien sar l-ebda depositu fil-Qorti, tal-ammont parzjali li ma kienx kontestat.

Ikkunsidrat

Illi ghalhekk, kif premess gie nominat espert tekniku u dan fir-relazzjoni tieghu ssottometta illi t-total tax-xogholijiet maghmula mill-attur kellu valur gust ammontanti ghal Lm3852 u wara li jitnaqqsu l-hlasijiet akkont li saru mill-konvenut, il-bilanc dovut kellu jkun ta' Lm1352. Pero' ghandu jigi sottolineat illi waqt l-access u seduta li nzammu mill-istess Perit Tekniku, ma kienx ingiebu a konjizzjoni tieghu z-zewg ircevuti esebiti mill-

attur stess a fol 68 u li jirreferu ghal kiri ta' "crane" kif hemm deskritt fit-2 ta' Ottubru u fil-25 ta' Ottubru 1999, u dan in esekuzzjoni tal-istess xogholijiet. Dwar dan il-punt xehed l-istess espert tekniku (fol 64 u fol 73 ibid) kif ukoll l-attur riprodott, b'awtorizzazzjoni tal-Qorti stess. L-espert jindika li l-uzu ta' dan l-ingenju deskritt minnu bhala "… kbir u ta' portata kbira" ma setax jigi eskluz minnu u dan minhabba fejn hemm il-konfini ta' barra safejn kienet id-dar, taht kostruzzjoni jew fejn kellhom isiru x-xogholijiet". Tenur kont, ukoll, illi r-rati relattivi ghall-kiri ta' dan l-ingenju kienu normali ghall-perjodu in esami, jidher li hu gustifikat illi l-ammont hekk imhallas mill-attur ghandu jizdied ma dak likwidat mill-espert tekniku.

Ikkunsidrat

Illi, ghalhekk, l-ammont dovut lill-attur ghandu jkun ta' Lm1549 ekwivalenti ghal €3608.20.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' "in parte" it-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut u lill-kjamata fil-kawza sabiex jhallsu lill-attur is-somma ta' Lm1549 ekwivalenti ghal €3608.20. In rigward l-imghaxijiet, dawn ghandhom jibdew jiddekorru, trattasi ta' obbligazzjoni civili mid-data tal-ittra ufficjali msemmija fl-avviz. Ghalhekk il-konvenuti huma kundannati li jhallsu l-imghax legali mit-30 ta'April 2002 sad-data tal-pagament effettiv. In rigward l-ispejjes inklusi dawk tal-istess ittra ufficjali u ta' dawk interpellatorji tas-26 ta' Marzu 2002, tas-26 ta' April 2001 u tat-12 ta' Marzu 2002 oltre tat-Taxxa ghal Valur Mizjud dawn ghandhom jithallsu kwantu ghal wiehed minn tnax (1/12) mill-attur u kwantu ghal hdax minn tnax (11/12) mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------